MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 480/2007

**Lisa Clare Cassar (ID 0399393 M)**

**Vs**

**Gaetano u Antonia konjugi Cauchi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta` Gunju, 2007, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` hames mija u hamsa u hamsin lira ekwivalenti ghal €1281.16c (Ewro), rapprezentanti dritt ta` senserija dovuta fuq negozju ta` bejgh ta` terran bin-numru 77, fi Triq il-Merhba, Fgura u *semi basement garage* numru 5, fi *drive in* li tizbokka fl-istess triq ai termini ta` kuntratt datat 12 ta` Dicembru, 2006, fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Mangion u liema negozju kien gie ntrodott, diskuss u konkluz bil-partecipazzjoni attiva ta` l-istess attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 15 ta` Marzu, 2007 u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti datata 13 ta` Gunju, 2007 fejn ikkontestaw it-talba attrici stante li allegaw li ebda senserija ma hi dovuta in vista tal-fatt li ma rrendiet ebda servizz f'dan is-sens u anqas ma kienet prezenti ghall-konvenju u ghall-kuntratt apparti l-fatt li kien hemm ftehim li ebda senserija ma kellha tithallas. Illi nghad ukoll li l-attrici se mai kienet intitolata biss ghal servigi u ghal dan il-ghan il-konvenuti kienu offrewlha l-hlas ta` Lm200 ferm qabel ma giet intavolata dina l-kawza.
Bl-ispejjez.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulenti legali rispettivi.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti ghandu jirrizulta li d-divergenza bazika bejn iz-zewg nahat hija fis-sens illi filwaqt li l-attrici tikkontendi li hija ntitolata tithallas ghal senserija shiha ghas-servizz li tat biex sehh in-negozju finali, l-konvenuti minn naha l-ohra tallega li l-attrici ma tatx dak is-servizz kollu li jwassal biex jisthoqqilha tithallas senserija izda biss li kellha tithallas ghal certu servizz limitat li hija tat ghal tali negozju u dana peress illi l-partecipazzjoni taghha kienet ferm ristretta u certament ma waslitx hi biex tghaqqad dan in-negozju.

Illi huwa ben pacifiku bejn l-istess partijiet u kif ukoll fil-gurisprudenza kostanti taghna illi jehtieg li javveraw ruhhom tliet elementi essenzjali sabiex wiehed ikun intitolat ghal dritt ta` senserija u cioe` (1) L-introduzzjoni taz-zewg partijiet (2) partecipazzjoni fid-diskussjonijiet u negozjati u (3) li s-sensara kienet strumentali ghal konkluzzjoni ta` l-istess negozju.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti miz-zewg nahat ma hemmx dubbju li kienet l-attrici li ntroduciet lill-prospettiv xerrej mal-vendituri u kienet hi li gharfet liz-zewg nahat bl-interessi rispettivi taghhom fuq il-proprjeta` in vendita u inoltre kienet hi li laqqghet liz-zewg nahat l-ewwel darba.

Illi *ex admissis* pero` l-istess attrici tistqarr li hija ma kinietx prezenti u ma ppartecipatx fid-diskorsati li saru bejn il-konvenuti u x-xerrej Cutajar. Fil-fatt wara l-ewwel laqgha, kien tela` ghandha Cutajar biss biex jispjegalha kif kien baqa` mal-konvenuti. Ix-xerrej stess baqa` ma nformax lill-attrici bil-laqgha ghal konvenju u eventwalment bid-data ghall-kuntratt nonostante li l-attrici kienet ghenitu biex jakkwista facilita` bankarja ghall-istess akkwist u malgrado l-fatt li huwa kien jiltaqa` ta` spiss mar-ragel ta` l-attrici peress li kienu jilghabu l-futbol flimkien.

Missier ix-xerrej Spiridione Cauchi jixhed illi fl-ewwel inkontru ma kienux tkellmu daqs tant fuq dettalji ta` ftehim izda semplicement raw il-post kollu u nformaw ruhhom xi prezz kien qed jintalab. F’dak l-ewwel inkontru fejn l-attrici kienet prezenti biss fil-mument bikri tieghu, dan ix-xhud ighid li ma saru ebda negozjati u baqghu mal-bejjiegha li jergghu jkellmuhom aktar tard. Dan ix-xhud jistqarr illi “... diskursati … bejn l-attrici u l-konvenuti … fil-presenza tieghi ma sar xejn ... kien wara li telqet hi li ddiskutejna ma` l-konvenuti”. Il-fatt li d-diskussjonijiet saru biss wara li l-konvenuta kienet gia` telghet f’darha jinsab ikkonfermat mill-konvenuta. Il-konvenuta tallega li l-attrici kienet talbitha s-somma ta` Lm200 ghas-servizz li tathom fuq dan in-negozju, liema cifra kienet giet accettata minnhom ghalkemm fil-bidu kienu lesti biss li jtuha Lm100. Fil-fatt il-konvenuti mill-bidu nett urewha li ma kienux disposti li jhallsuha senserija shiha appuntu il-ghaliex skond huma hija ma kinietx intitolata ghal tali dritt. Huma waslu biex jaccettaw li jhallsuha s-somma ta` Lm200 bhala rikonoxximent tal-fatt li kienet l-istess attrici li originarjament laqqhet liz-zewg nahat ghal dan in-negozju. Aktar minn daqshekk l-attrici ma hadet ebda sehem iehor. Il-konvenuta resqet prova korrobatorja dwar dan tramite sms li hija rceviet minghand l-attrici Dok. AC1.

Illi fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk ghandu jirrizulta mill-provi li ghalkemm huma minnu li kienet l-attrici li laqghet liz-zewg nahat u li kienet hi li ntroduciet liz-zewg nahat ghan-negozju li eventwalment sehh, pero` fl-istess waqt ma rrizultax li hija ppartecipat fin-negozjati bejn il-vendituri u x-xerrej u wisq anqas kienet b'xi mod strumentali sabiex dan in-negozju nghaqad. Illi ghalhekk il-kumpens offrut mill-konvenuti fl-ammont ta` Lm200 ghandu jigi kkunsidrat bhala adekwat ghas-servigi rezi mill-attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-tielet risposta sollevata mill-konvenuti, kwindi jichad it-talba attrici kif dedotta u jghaddi biex jiddikjara li l-attrici hija ntitolata biss li tithallas ghal servigi u mhux ghal senserija shiha minnha reza f'dan in-negozju, jillikwida l-ammont ta` servigi dovuta fl-ammont ta` €465.87c (Euros) u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata fl-ammont ta` €465.87c (Euros), bl-ispejjez ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------